# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 468/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Victor Fenech**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Victor Fenech, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 362871M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-27 ta' Lulju 2011 ghal habta ta' 17.45hrs fil-klinika ta' Hal-Qormi, bil-hsieb li jikkommetti delitt u cioe` reat ta' serq ta' kartiera bil-flus minn fuq il-persuna ta' Dr Carmel Brincat MD liema attentat ta' serq huwa kwalifikat bil-vjolenza u l-mezz meta hu ta l-impressjoni li kien armat, waqt li wera dan il-hsieb b'atti

esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

Ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi bla ordni skont il-ligi ta' awtorita` kompetenti, u barra mil-kazijiet li fihom il-Ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` taghha, jew ta post sabiex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, issekwestra lil Dr Carmel Brincat, ufficjal pubbliku, waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Ukoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi gew definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' Ottubru, 2015 li biha sabet lill-imputat Victor Fenech hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u ikkundannatu piena ta' prigunerija ghal wiehed u ghoxrin (21) xahar;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Victor Fenech, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha **tirriforma** s-sentenza fuq indikata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali billi tikkonferma l-htija, izda taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti bis-segwenti gravami: "*L-appellant ihoss li seta inghata sentenza alternattiva ghal prigunerija. Dan il-kaz huwa wiehed aktar socjali milli haga ohra stante li huwa maghruf sew Hal Qormi*";

2. Qabel kull konsiderazzjoni ohra jokkkorri decizzjoni fuq il-punt sollevat *ex officio* minn din il-Qorti dwar il-possibbli nullita' tas-sentenza appellata stante li l-ewwel Qorti naqset milli tindika wiehed mill-artikoli tal-ligi li dwaru instabet htija, htiega din fuq piena ta' nullita' fit-termini tal-artikou 382 tal-Kodici Kriminali. L-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat appellant hija dik tal-attentat ta' serq kwalifikat. Is-sejbien ta' htija ghalhekk kien jitlob indikazzjoni tal-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali u l-ewwel Qorti indikat l-artikolu 31 li huwa dwar it-tlugh u inzul mill-piena. L-Avukat Generali irrileva li l-ewwel Qorti setghet indikat l-artikolu 31 b'lapsus minflok dak numru 41. Dan huwa plawsibbli ghaliex il-Qorti hi tenuta li ssemmi dawk l-artikoli li jikkostitwixxu r-reat u mhux mehtieg li jkunu indikati l-artikoli dwar il-piena. L-artikolu 31, ghad illi kellu bilfors li jsir rikors ghalih mill-ewwel Qorti minhabba li l-artikolu 41 igib mieghu tnaqqis fil-piena minn grad sa zewg gradi, l-ewwel Qorti ma tat ebda spjegazzjoni kif wasslet ghal-piena minnha erogata u ghalhekk ir-referenza ghall-artikolu 31 ma setghetx kienet hlief zball dattilografiku meta fil-fatt riedet tindika l-artikolu 41. Ghalhekk tiddisponi minn dan l-incident billi tqis is-sentenza appellata bhala valida fil-ligi u naturalment fl-istess waqt

tezalta adezjoni aktar preciza mar-rekwiziti tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali;

3. Kwantu il-mertu tal-appell, din il-Qorti ezaminat fid-detall s-Social Enquiry Report mhejji minn Ufficcjal tal-Probation fuq talba tal-appellant. Dan ir-rapport jakkludi informazzjoni estensiva fuq l-appellant fost din minn meta qabad il-vizzju tad-droga meta kien ghad ghandu bejn hmistax u sittax-il sena u minkejja li trabba f'ambjent tajjeb ta' ghaqda fil-familja fejn hadd qatt ma kien nieqes minn xejn. Kawza ta' dan l-abbuz gieli kien ukol rikoverat fl-Isptar Monte Carmelo. Ir-ricerka ghall-dawn il-fatti wasslet lill-Ufficcjal tal-Probation fid-dar tal-appellant fejn jghix flimkien ma' ommu u missieru u huh aflitt minn dizabilita' mentali. Ommu tghid illi l-appellant illum huwa persuna mibdula li qed jiehu hsieb lill-missieru li jinsab fi stat avvanzat ta' marda degenerattiva li l-istess appellant huwa ukoll aflitt minnha kif sar jaf recentement. Ghalkemm huwa dizokkupat, l-appellant applika biex ikun dikjarat medikament *boarded out* minhabba l-marda tieghu li ggib maghha problemi ta' mobilita' kif ukoll psikjatrici;

4. Fis-sottomissjonijiet tieghu, l-abbli difensur tal-appellant li assuma l-inkargu fil-mori tal-appell, strah fuq il-kontenut u konkluzzjonijiet tas-Social Inquiry Report u klassifika is-sitwazzjoni tal-appellant bhala wahda li fil-gurisprudenza tissejjah *a window of opportunity* , opportunita' ta riforma assocjata ma' nies b'karattru refrattarju li f'certu mument tal-hajja taghha jghazlu li jeqilbu il-folja, ihallu l-passat kriminuz taghhom wara darhom u jibdew jghixu ta' cittadini denji;

5. Sewwa josserva d-difensur tal-appellant illi il-Qrati taghna, partikolarment fi stadju t'appell, introducew u applikaw dik l-hekk imsejha *window of opportunity* f'kawzi fejn il-piena inbidlet f'wahda aktar klementi jew ossia mibdula ghal wahda aktar miti f'cirkostanzi fejn kien muri li l-imputat jew l-appellant ghamel progress fil-hajja tieghu u wera sinjali cari ta' allontanament mill-

hajja refrattarja tieghu (ara per ezemplari s-sentenza Il-Pulizija vs Nathalie Felice App Krim 4.12.2014) citata fil-kawza Il-Pulizija vs Simon Camilleri 10.3.16 GMG. Fil-kwadru tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, izda, jemergi illi l-appellant kien aktar kostrett jiddezisti mill-hajja refrattarja tieghu ghal-ragunjiiet li ma kellux kontroll fuqhom, fosthom il-marda li hakmitu, aktar mill ghaliex ried hu, volontarjament u realment, izomm 'l boghod mill-hajja kriminuza li qabad bl-iskop apparentement uniku li jsostni l-vizzju tieghu;

6. Il-Qorti hi tal-fehma illi l-kuncett tal-*window of opportunity* m'ghandux issib applikazzjoni fil-kaz hawn skrutinat ukoll ghaliex temmen illi mhux kull cirkostanza ghanda tiswa bhala eccezzjoni ghal-prattika adottata minn din il-Qorti illi bhal qorti ta' appell kriminali mghadniex tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena dment li din tkun fil-paraemtri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li il-piena kellha tkun anqas jew aktar minn dik fil-fatt komminata;

7. Minkejja dan, u tenut ic-cirkostanzi specjali tal-kaz naxxenti wara l-ghoti tas-sentenza mill-ewwel Qorti, din il-Qorti hija sensittiva ghall-dak kollu li semghet u rat fir-rapport tal-Ufficcjal tal-Probation. Issa, ghad illi l-appellant kien soggett ghal-piena massima ta' sitt snin prigunerija u minimu ta' 13-il xahar, u l-ewwel Qorti ikkudannatu ghall 21 xahar, din il-Qorti trid ukoll izzomm bilanc versu s-socjeta' mwegga bl-agir tal-appellant fi zmien meta kien attiv fil-hajja kriminuza tieghu u li allura trid tkun protetta adigwatament, kif ukoll in-natura serjissima tad-delitt. Stante illi ghalhekk hemm ragunijiet fit-termini tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, konsistenti filli wara li l-appellant kien ikkundannat ghal-zmien ta' 21 xahar prigunerija, huwa safa aflitt minn marda degenrattiva li jista' jkun li thallih immobbli, qed tinzel taht il-miminu ravvizat mil-ligi billi tirriduci l-piena ghall-tnax il-xahar prigunerija

8. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn din sabet htija kontra fl-appellant, tirrevokaha fejn ikkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' 21 xahar u minflok tikkundannah ghal-terminu ta' tnax-il xahar prigunerija.